# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 26 ta' Jannar 2021**

**Talba Numru 127/2020SFJ**

***Simonds Farsons Cisk plc (C113)***

***vs.***

***Vladimir Cojocaru (numru tal-passaport RK177994)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fl-24 ta' Ġunju 2020 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet li l-konvenut ikun ikkundannat iħallasha s-somma ta' elf u mitejn u sebgħa u sittin Ewro u erbatax-il ċenteżmu (€1,267.14).

Ra li r-raġunijiet għat-talba, in suċċint, kienu:

- Illi l-konvenut kien iffirma kuntratt ta' mpjieg mas-soċjetà attriċi għal perjodu definit, jiġifieri bejn is-7 ta' Mejju 2019 u s-6 ta' Mejju 2020, fil-grad ta' *technician*;

- Illi wara d-19 ta' April 2020, il-konvenut ma baqax imur ix-xogħol;

- Illi għal din ir-raġuni, il-konvenut kellu jħallas lis-soċjetà attriċi s-somma reklamata, li tinqasam hekk:

    - Ħames mija u sebgħa u sittin Ewro u sittin ċenteżmu (€567.60) bħala *notice money*;
    - Ħames mitt Ewro (€500.00) bħala rifużjoni tal-prezz għal kors li jwassal għall-kwalifika *Wireman Licence A*; u
    - Mija u wieħed u erbgħin Ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€141.25) bħala rifużjoni ta' *overspent food vouchers*.

- Illi konvenut ġie interpellat diversi drabi sabiex jirritorna x-xogħol jew iħallas l-ammont relattiv iżda baqa inadempjenti.

Ra li l-konvenut ġie nnotifikat permezz tal-proċedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetti lokali (ara fol. 13 sa fol. 20).

Ra li l-kapitolu tas-soċjetà attriċi għas-subizzjoni tal-konvenut ippreżentat fit-30 ta' Novembru 2020 li permezz tiegħu riedet tipprova, bil-ġurament tal-konvenut stess, li hu kien debitur tas-soċjetà attriċi fl-ammont u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż tat-Talba.

Ra li l-konvenut ma deher għal ebda seduta u ma ppreżentax Risposta jew xi sottomissjoni oħra.

Ra li fl-udjenza tas-26 ta' Jannar 2021, il-konvenut reġa' ma deherx sabiex jiċħad il-mistoqsija magħmula lilu in subizzjoni u biex jikkontesta l-kawża.

**<u>Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>**

It-Tribunal huwa qabel xejn konsapevoli mis-sentenza riċenti tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***<u>Absolute Services Limited vs. Stefan Darmenia</u>*** (deċiża fil-11 ta' Novembru 2020) fejn intqal:

> "*Għalhekk din il-Qorti tqis li s-soċjetà appellata naqset milli tipprova suffiċjentement it-talba tagħha u t-Tribunal ma setax fuq il-provi miġjuba quddiemu jasal b'mod komdu sabiex jilqa' t-talba tagħha fil-konfront tal-appellant. Dan ukoll meħuda in konsiderazzjoni l-kontumaċja tiegħu u l-fatt li huwa naqas milli jidher ripetutament waqt is-seduti quddiem it-Tribunal jew li jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu.*"

Dan ifisser li anki f'każ ta' kontumaċja, bħal f'dan il-każ (billi l-konvenut ma ppreżenta ebda Risposta u ma deher għal ebda seduta), it-Tribunal irid ikun sodisfatt li l-provi ppreżentati huma ta' ċerta saħħa soliditá.

It-Tribunal sema' ix-xhieda tas-Sur Tonio Mifsud Bonnici, rappreżentant tas-soċjetà attriċi, u osserva s-segwenti diskrepanzi:

1. Filwaqt li l-ammont indikat fl-Avviż tat-Talba huwa elf u mitejn u sebgħa u sittin Ewro u erbatax-il ċenteżmu (€1,267.14), ix-xhud, taħt ġurament, qal li s-soċjetà attriċi kellha tieħu mingħand il-konvenut is-somma ta' elf u mitejn u tlieta u sebgħin Ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€1,273.38), jiġifieri somma marġinalment akbar.

2. Ix-xhud qal li l-ammont minnu msemmi kien jinkludi erbgħa u ħamsin (54) siegħa *unpaid leave* li jammonta għal ħames mija u għaxar Ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€510.89). Dan ma jissemma mkien fil-*break-down* fl-Avviż tat-Talba.

3. Ix-xhud qal ukoll li għall-ġranet li l-konvenut naqas li jattendi, jiġifieri total ta' tlieta u sittin (63) siegħa, l-ammont indikat fid-depożizzjoni kien jinkludi s-somma ta' ħames mija u ħamsa u disgħin Ewro u disgħa u sebgħin ċenteżmu (€595.79). Lanqas dan ma jissemma fil-*break-down* fl-Avviż tat-Talba.

4. Min-naħa l-oħra, ix-xhud ikkonferma li kien inkluż ukoll l-ammont ta' ħames mija u sebgħa u sittin Ewro u sittin ċenteżmu (€567.60) bħala *notice money* u l-ammont ta' ħames mitt Ewro (€500.00) għall-kors ta' *wireman*.

5. Filwaqt li l-*vouchers* tal-ikel kellhom indikat il-valur ta' mija u wieħed u erbgħin Ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€141.25) skont l-Avviż tat-Talba, ix-xhud qal li fil-fatt, il-valur **tal-*vouchers***

kien ta' mija u wieħed u erbgħin Ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€141.28), jiġifieri tlett ċenteżmi aktar mill-ammont indikat fl-Avviż tat-Talba.

L-ispjegazzjonijiet matematiċi hawnhekk tax-xhud ma jreġux. Kieku l-konvenut għandu jagħti lura lis-soċjetà attriċi l-ammonti indikati fid-depożizzjoni tas-Sur Mifsud Bonnici, ikun ifisser li l-konvenut għandhu jħallashom total ta' €2,315,56[1].

Inoltre, dak li stqarr ix-xhud taħt ġurament ma jaqbilx mal-*payroll analysis* ippreżentat u mmarkat dokument A (fol. 2).

It-Tribunal ra d-dokument TMB1 li huwa l-*Ordinary Study Subsidy Scheme Contract* datat 26 ta' Settembru 2019 li bih, il-konvenut intrabat li jibqa' jaħdem mas-soċjetà attriċi mill-anqas sa sena wara li jkun lesta l-kors titolat *Electrician Authorisation Licence A*. Dan id-dokument jindika (klawsola 9) li jekk il-konvenut jitlaq mill-impjieg qabel l-għeluq ta' sena minn meta jieħu l-kwalifika jew jekk jinterrompi l-istudji tiegħu mingħajr raġuni valida, ikollu jħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' ħames mitt Ewro (€500.00).

It-Tribunal irid joqghod fil-parametri tal-kawza u jara jekk it-talba indikata fl-avviz gietx ippruvata.

It-talba tirreferi biss ghan-'notice money', rifuzjoni tal-prezz tal-kors u rifuzjoni ta' '*overspent Food Vouchers'*.

Li xehed ix-xhud mar barra il-parametri tat-talba.

Oltre dan, filwaqt illi gie ipprovat in-*'notice money'* u r-refuzjoni tal-prezz tal-kors mid-dokumenti prezentati u kkonfermati mix-xhud, ma gietx ipprovata is-somma ta' refuzjoni tal-vouchers tal-ikel. Din is-somma giet biss indikata fil-Payroll Analysis Details li mhux biss ma qabiltix ma dak li qal ix-xhud, izda ukoll ma kienx hemm prova ta' l-istess indikat. Infatti kien hemm anki diskrepanza fix-xhiedha li inghata quddiem dan it-Tribunal. Setghu gew prezentati kopja tal-vouchers bhala prova ta' dawn il- vouchers tal-ikel 'overspent'

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, wara li qara l-atti tal-kawża, sema' ix-xhud u ra d-dokumentazzjoni kollha, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi limitatament għal Euro 1067.60 (Elf, sebgha u sittin Euro u sittin centezmu), bl-imgħax fuq dak l-ammont li għandu jiddekorri mid-data tal-preżentata tal-kawża sad-data tal-pagament effettiv b'rata mhux ogħla mir-rata massima li tippermetti l-liġi.

It- Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**

[1] €510.89 + €595.79 + €567.60 + €500.00 + €141.28 = €2,315.56.